MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1293/2006

**Il-Pulizija
(Spettur Raymond Aquilina)
vs
Alfred Gatt**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Alfred Gatt** ta' 56 sena bin il-mejjet Saviour u l-mejta Anna *nee'* Gauci, mwieled Mgarr fit-12 ta' Mejju 1950, residenti numru 6 Bokka tac-Carcara limiti tal-Imgarr u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 472550M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'diversi postijiet fix-xahar ta' Novembru 2006 u fix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

B'abbuz ta' fiducja, ta' relazzjoni familjari u bhala drawwa u bi hsieb ta' qliegh, biex jissodisfa z-zina ta' haddiehor, gieghel bil-vjolenza, jew hajjar b'qerq, persuna ta' eta, cioe' lil *-Omissis-* u persuni ohra, ghall-prostituzzjoni;

Bhala s-sid li ghandu taht idejh l-aministrazzjoni ta' dar jew fond nurmu 6, Bokka tac-Carcara, limiti tal-Imgarr, xjentement ta b'kiri, jew ippermetta l-uzu ta' dan il-post bhal skop ta' prostituzzjoni;

Xjentement ghex ghal-kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' eta', cioe' *-Omissis-* u persuni ohra;

Zamm jew ezercita' jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal jew xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

Zamm fil-fond numru 6, Bokka tac-Carcara, l/o Mgarr u/jew kellu fil-pussess tieghu taht il-kontroll tieghu jew gara mill-fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fi Skeda I u II tal-Artikoli 3 u 5 tal-Kapitlu 480 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kellux licenzja mahruga minn Awtorita' kompetenti;

Talli minghajr il-Licenzja tal-Kummissarju ghamel tibdiliet jew ittanta jaghmel tibdil f'xi arma tan-nar hekk li nbidlet il-klassifikazzjoni ta' dawn l-armi tan-nar taht l-Att dwar l-Armi jew taht regolamenti maghmulin tahthom bi ksur tal-artikolu 45 (1) u (2) ta' l-istess Kapitolu;

Bl-imgieba tieghu kkaguna lil *-Omissis-* biza li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalu biza;

Gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil persuna ta' *-Omissis-*, u xi persuni ohra u b'mod li jkun jaf jew li messu jkun jaf li dan kien ta fastidju ghal persuna ta' *-Omissis-* jew persuni ohra;

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta’ l-imsemmija *-Omissis-* u l-familja taghha, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel l-Ordni tal-Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa;

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna nvoluta u l-familja taghha ai termini ta’ artikolu 382A et sequitur tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba, li tipprojbixxi lill-akkuzat hawn fuq imsemmi milli jittrasferixxi, jaghti b’rahan jew xort’ ohra jiddisponi minn xi proprjeta’ mobbli jew immobbli, ai termini tal-artikolu 5(1)(b) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll hekk jigi applikat ai termini tal-Artikolu 23A(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex tinnomina espert sabiex jaghmel inventarju tal-proprjeta kollha skond kif deskritta fl-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Money Laundering Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jappartjenu lill-imputat hawn fuq imsemmi;

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija tordna l-konfiska tal-armi regolari u munizzjon misjuba fil-fond u/jew fid-dintorni tal-proprjeta’ ta’ Alfred Gatt cioe’ numru 6, Bokka tac-Carcara, limita tal-Imgarr ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kapitlu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tat-tlettax tax-xahar ta’ Novembru tas-sena 2008 skond l-artikolu 370(3)(a) li permezz tieghu baghat lill-imputat quddiem din il-Qorti sabiex ikun gudikat ghall-dak li hemm mahsub:

(a) fl-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 205 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) fl-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 5 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) fl-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 7 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) fl-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 8 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(e) fl-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u 9 u 10 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(f) fl-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, 3(a), 5(1) u 45(1)(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(g) fl-artikolu 18 u 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(h) fl-artikolu 18 u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(i) fl-artikolu 5(1)(b) tal-Kapitolu 373 u ta’ l-artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(j) fl-artikolu 56,57 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(k) fl-artikolu 17,23,31 u 533 tal-Kapitou 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza inbdiet fuq istanza tal-parti offiza li talbet il-protezzjoni tal-Pulizija wara li allegatament kienet imgieghla tipprostitwixxi ruhha minn zijuha u meta xtaqet tieqaf milli tkompli taghmel dan sfat mhedda u imbezza mill-istess ziju. Il-parti offiza, li f’din is-sentenza minn issa ‘l quddiem ser ssir referenza ghaliha bhala l-“kwerelanta”, kienet qalet b’dak kollu li kienet taf lill-Pulizija li da parti taghha ezegwiet mandat ta’ perkwizzjoni u tfittxija fir-residenza tal-imputat minn fejn inghad li kienet issir attivita’ ta’ prostituzzjoni u minn hemm elevat diversi armi

u munizzjoni kif ser jirrizulta aktar ‘l quddiem. Il-kwerelanta hija l-uniku xhud dirett tal-prosekuzzjoni u rrakontat lil din il-Qorti kif wara li temmet relazzjoni li kellha ma’ ragel li kien isawwatha tant li darba spiccat l-isptar b’daqqiet ta’ arlogg fuq wiccha, daret lejn zijuha ghall-ghajnuna peress illi bdiet tghix wahedha mat-tfal taghha f’appartament li kien qed jiswielha, dak iz-zmien, Lm120 fix-xahar oltre li dahlet f’konvenju ghall-akkwist ta’ fond tal-Gvern u sselfet il-flus ghad-depozitu minn fuq l-idejn bis-sahha taz-ziju li ukoll sellifha parti mis-somma fejn imbaghad kkostringiha biex tahdem mieghu. Il-kwerelanta tat dettalji ta’ kif kienet issib ruhha taghti servizzi sesswali lill-irgiel li kien igibilha z-ziju billi kien jippresta d-dar tieghu, iwassal lill-klijent u jmur jistenna f’xi hanut tat-te vicin. Kienet ukoll titwassal minnu f’lukanda u guest house partikolari u anke f’lukanda f’Ghawdex u kienu jaqsmu l-flus li jkunu hallsu l-klijenti izda meta ddejqet taghmel dan ix-xoghol u riedet tieqaf kienet sfurzata biex tkompli kontra theddid inkluz li z-ziju kien behsiebu jikxef kollox mas-sieheb tal-kwerelanta tant li hija ddahlet l-isptar ssofri minn overdoze ta’ pilloli tal-ugiegh. L-kwerelanta tghid ukoll illi bint iz-ziju, u allura il-kugina taghha, ukoll kienet taghmel dan ix-xoghol ghaz-ziju u gieli taw is-servizz taghhom flimkien ghall-istess klijent;

Il-kwerelanta spjegat ukoll kif l-imputat kellu aktar minn telefon cellulari wiehed sabiex jizvolgi din l-attivita’ u hi ma kellha qatt taghmel kuntatt dirett mal-klijenti u ma ddumx aktar mil-hin li jghidilha iz-ziju mal-klijent u kienet fil-fatt tosserva pjenament dawn ir-regoli dejjem bil-biza li kellha minnu. Meta ddecidiet li ma tkomplix taghmel dan ix-xoghol, l-imputat kien baghat messagg lill-omm il-kwerelanta li hi kellha ttih il-flus u kien ukoll gharraf lis-sieheb taghha b’dak kollu li kienet qed taghmel il-kwerelanta.

Din il-Qorti semghet kif l-imputat kien jehodha f’diversi hwienet tat-te sabiex tidher fil-pubbliku bl-iskop li meta jirritorna wahdu dawn jistaqsuh min kienet u joffrilhom is-servizzi taghha u sahansitra kien jehodha fi hwienet tat-te frekwentati mill-Pulizija fl-inhawi tal-bini tal-qrati ghaliex

skond l-imputat dawk kienu l-aqwa hbieb li jista’ jkollok. Il-kwerelanta tallega ukoll li f’okkazzjoni minnhom l-imputat kellu inkontru mal-Kummissarju tal-Pulizija u kien hadha mieghu dejjem bl-intiza li l-pulizija huma l-aqwa hbieb li jista’ jkollok;

Il-kwerelanta xehedet fit-tul u b’mod dettaljat u kien akkordat lilha li tixhed bis-sistema tal-*video conferencing* minhabba l-biza li kellha minn zijuha l-imputat sabiex tkun tista’ tiddeponi liberament. Apparti dawn is-servizzi hija kienet tahdem xoghol regolari erbat ijiem fil-gimgha u l-imputat kien iwissiha sabiex ma ssibx xoghol *full time* naturalment sabiex tkun disponibbli tant li gieli tat servizzi filghodu qabel tibda x-xoghol regolari jew wara li tispicca fil-hamsa ta’ filghaxija. Ghall-ewwel kienet tara zewg klijenti izda maz-zmien kienet taghti servizz anke lil sitta jew seba klijenti kuljum. Mill-assjem tal-provi jemergi illi ghall-ewwel xahar l-kwerelanta kienet taghmel dan ix-xoghol volontarjament ghaliex kellha pizijiet finanzjarji izda wara xtaqet tieqaf izda sabet ruhha kostretta li tkompli mill-persuna li fl-ewwel lok kienet proponiet li tibda taghmel hekk u cioe’ minn zijuha;

Ikkonsidrat inoltre illi kif gia inghad *supra*, l-kwerelanta hija l-unika xhud diretta tal-prosekuzzjoni. Bint l-imputat ghazlet li ma tixhidx fil-konfront ta’ missierha u l-istess xelta ghamlet oht l-imputat li allura hija omm il-kwerelanta. Dak li kien mistenni minn oht l-imputat kien li tikkonferma li kienet irceviet theddid fil-konfront ta’ binthha sabiex tissalda d-debitu ta’ bejnithom izda din ghazlet li tiprevalixxi ruhha mill-privilegg konsentit lilha mill-ligi. Dan qieghed jinghad ghaliex il-Qorti ghandha l-fakulta illi ssib htija fl-imputat ghal-ksur tal-provvediment tal-Kap 9 u tal-Kap 63 jekk tkun moralment konvinta li l-fatti huma kif deskritti mill-kwerelanta. L-artikolu 638(2) tal-Kap 9 jipprovdi illi *ix-xhieda ta’ xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar*. Issa fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Inf) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Bonavia (6.11.2002),** il-Qorti kkonkludiet illi “dan hu bizzejjed biex

tigi pruvata l-htija ta' persuna akkuzata b'rejat u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni ulterjuri minn provi diretti jew indiretti" Izda din il-Qorti jehtieg li tadopera certi kawteli f'dan il-kaz ghaliex l-kwerelanta hija ukoll *partecipis criminis* ghad li mhix ko-imputata ghaliex hija kienet tippresta servizzi ta' prostituzzjoni minn jeddha bi qbil ma' l-imputat u bi qsim ta' profitti mieghu qabel ma ddecidiet li tiddezisti. *Qua* komplici allura jehtieg li l-verzjoni tal-kwerelanta ssib konfort f'kollaborazzjoni anke jekk f'fatti u cirkostanzi emergenti mill-provi l-ohra. Dan jinsab assodat fil-gurisprudenza u per ezemplari ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta' Frar, 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizia vs *ommisis*, Jason Psaila u Paul Vella** fejn kien ribadit illi: "Fil-fatt l-Artikolu 639 (3) tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li fejn l-unika xhieda kontra xi akkuzat hija dik tal-komplici, sakemm ir-reat in kwistjoni ma jkunx wiehed minn dawk kontemplati fl-Artikoli 112 sa 118, 120, 121,124 sa 126, u 138, dik ix-xhieda wahedha ma tkunx bizzejjed biex tinstab htija kontra dak l-akkuzat sakemm ma tkunx korroborata sufficjentement b'cirkostanzi ohra. Huwa principju fondamentali fil-ligi penali li dak li jghid il-komplici fil-konfront ta' xi awtur jew kull partecipi fl-istess reat m'ghandhux validita' legali w ma jikkostitwixxi l-ebda prova. Ix-xhieda tal-komplici, mela, trid tkun sufficjentement korroborata minn provi u cirkostanzi ohra, bl-eccezzjoni tar-reati taht l-Artikoli appena msemmija" Din l-istess Qorti spjegat ulterjorment illi x-xhieda tal-partecipi, li f'dak il-kaz kien akkuzat fi proceduri separati, "ma tistghax tipprevali meta ma tkunx sufficjentement korroborata minn fatturi jew cirkostanzi estranji";

Il-Qorti ghalhekk ghaddiet biex tezamina l-provi kollha l-ohra li ressqet il-prosekuzzjoni biex tevalwa jekk x-xhieda tal-kwerelanta hix sufficjentement korroborata. Is-Supretendent li investigat il-kaz xehdet illi meta kellmet lil bint l-imputat wara l-allegazzjoni li din ukoll kienet tippresta servizzi ta' prostituzzjoni ghall-missierha, staqsietha jekk dan kienx minnu izda minkejja li "ma qaltiliex iva jew le fil-bidu, pero' minn ghajnejha ghidtilha jien il-messagg hadtu minn ghajnejk" (fol 37). "..ma qaltilniex iva missieri kien igielni mmur ghall-prostituzzjoni,

iva missieri hadni Bugibba, ma qaltilniex hekk imma min ghajnejha u jien mghallma illi ‘the eyes never lie’, minn ghajnejha jien kif ukoll il-kollegi li kienu waqt l-investigazzjoni, fhimna l-messagg taghha, fhimna illi hi kienet tinzel ghall-prostituzzjoni fuq struzzjonijiet ta’ missierha,…” (fol 38). Naturalment ftit, jekk xejn, hemm x’jinghad dwar dan appena rikaptat ghaliex x’jahseb hadd iehor mill-harsa f’ghajnejn xhud li quddiem din il-Qorti ghazlet li ma tixhidx certament mhux ammess bhala xi forma ta’ prova kwalifikata. Il-prosekuzzjoni esebiet ritratti ta’ nisa li aktar iva milli le jidhru li kienu *girlfriends* tal-imputat u dawn bl-ebda mod ma kien suggerit li kienu prostituti fl-impjieg tal-istess imputat. Dawn huma ritratti normali u mhux suggestivi bl-ebda mod. L-istess jinghad dwar kopji ta’ passaporti ta’ zewg persuni barranin ghaliex dan wahda m’ghandux b’xi mod jikkorobora dak li qalet il-kwerelanti. Ir-ritratt tal-kwerelanti tidher misjub fil-vettura uzata mill-imputat li fih tidher wieqfa ma’ genb sigra, liebsa u bl-ebda mod suggestiv m’hu ta’ ebda utilita’ ghal din il-Qorti u dan ghaliex jemergi illi kien hemm relazzjoni vicina bejn l-imputat u l-kwerelanti tant li hi stess irrikorriet ghall-ghajnuna tieghu meta sabet ruhha f’diffikultajiet. Fid-dar tal-imputat, apparti l-armamenti u munizzjoni mertu ta’ akkuzi li dwarhom ser isiru konsiderazzjoni ohra, ma nstab xejn li jista’ jikkorobora l-verzjoni tal-kwerelanti. Minn mija u wiehed CD instab wiehed b’kontenut pornografiku izda xejn aktar li jista’ jissugerixxi li d-dar tal-imputat kienet qed tintuza ghall-skopijiet ta’ prostituzzjoni;

Il-prosekuzzjoni gustament elevat kull telefon cellulari tal-imputat u dawn kienu ezaminati minn espert nominat minn din il-Qorti li estrapola hafna informazzjoni minn fuqhom fosthom messaggi (sms) mibghuta u ricevuti (Ara relazzjoni Dok SFS 1 a fl 261). Il-kwerelanta tghid li hija kienet imbezza mill-imputat sa punt li dan kien jirrabja jekk iddum zewg minuti aktar mal-klijenti jew jekk jissuspetta li qed taghti s-servizzi taghha minn wara dahru jew jekk tkun naffret li xi klijenti jekk dawn idumu ma jergghu isaqsu ghaliha. Izda mill-messaggi telefonici jirrizulta ben divers ghaliex l-kwerelanta xejn ma tidher imbezza bil-mod kif kienet titkellem mal-imputat. Is-segwenti messagg huwa traskritt fil-foll internament mmarkat Dok

NM1: “Bongu fred ghandi pocket iswed u ara jekk hemmx xi haga fuq il-mera tat toilet u hemm basket tal-plastic fih kaxxa tonda giebhom mieghek u jekk icempel xi hadt u jghidlek hemm xi cans ghal lum ghidlu hawn ma hawn hadt jew tirrispondiex imbaghad incempillek tista tibghad” (11/11/2006 07:02:58); “Fred icempilx u lanqas tibghat qabel ma nibghat jien lanqas ghada inbaghad nibiatlek jien” (20/11/2006 12:02:00); “Skuzani ima jien kont muguwa li ghamilt lil ivan fred u int taf li jiena inhobbu jien jek ma jahfirliex mandafx x’ha namel. fred ivan taf li mandux tort ta li gara tista topsor min cempilu u qallu” (28/11/2006 01:20:15); Minn numru iehor jirrizultaw il-messaggi segwenti apparenti fl-istess Dok : “irrispondi mela tibza jien simone wahdi qeda” (05/12/2006 21:25:55); “irrisrispondi ghalfejn bghat mes lil ommi u issa tibza tirrispondi tkellem mela ghandek il-faham mibluh” (05/12/2006 21:42:31). Dawn il-messaggi kienu registrati f’Novembru u Dicembru 2006, l-kwerelanta qalet li kien fl-ewwel xahar li hi ghamlet dan ix-xoghol volontarjament u l-bqija kienet kostretta u imbezza izda dawn il-messaggi xejn ma juru biza da parti tal-kwerelanta anzi pjuttost il-kuntrarju u allura anke hawn tirrizulta nuqqas ta’ korroborazzjoni max-xhieda taghha;

Kwantu ghall-akkuzi ravvizati fl-artikoli 205, 251A, 251B tal-Kap 9 u 5, 7 sa 10 tal-Kap 64, din il-Qorti mhix moralment konvinta illi ghandha tistrieh fuq ix-xhieda tal-kwerelanta u ghalhekk ma tistax issib htija fl-imputa u tilliberah minn dawk l-akkuzi.

Kwantu ghall-akkuzi ravvizati fl-artikoli 5(1)(b) tal-Kap 373 dwar il-hasil tal-flus, isegwi la darba mhux pruvati l-akkuzi dwar il-qliegh minn fuq il-prostituzzjoni, ma tistax tinsab htija fuq dan u konsegwentement tilliberah ukoll minn dawn l-akkuzi;

Kwantu ghall-akkuzi dwar ksur tal-Kap 480 jirrizulta pruvat fil-grad li trid il-ligi illi l-imputat kien fil-pussess ta’ diversi armi funzjonanti kif ukoll munizzjon minghajr ma kien debitament licenzjat jew xort’ohra awtorizzat ghaz-zamma taghhom. Dawn l-armi huma elenkati bhala Dok RA4, Dok CC1, Dok CC2, Dok CC3, Dok CC4, Dok TF1 u Dok

TF2 u l-prosekuzzjoni ressqet dik il-prova univoka konsistenti fix-xhieda ta' WPS 141 li ddikjarat li l-imputat m'ghandux licenzja biex izomm jew igorr armi hlief ghal dik ta' harpoon. Ghal dawn il-mottivi ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi bi ksur tal-Kap 480;

Wara li rat l-artikoli 3(a), 5(1), 45(1)(2) u 51 tal-Kap 480;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' sitt mitt euro (Euro 600) u terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur mil-lum kif ukoll tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzji ghaz-zamma u garr ta' armi ghal perjodu ta' hames (5) snin mil-lum skond l-artikolu 57 tal-Kap 480.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez inkorsi fil-perizja dwar l-ezami tal-armi u munizzjon;

Tordna l-konfiska tal-armi favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------